7.12.2023 A9-0368/94

**Emenda 94**
**Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0368/2023**
**Maria-Manuel Leitão-Marques**
Il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri f'konformità mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni. | 2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri f'konformità mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu ***3 tagħha dwar id-dritt għall-integrità tal-persuna u l-Artikolu*** 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni. |

Or. en

**Emenda 95**
**Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0368/2023**
**Maria-Manuel Leitão-Marques**
Il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri b'osservanza tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni. | 2. Il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri b'osservanza tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu ***3 tagħha dwar id-dritt għall-integrità tal-persuna u l-Artikolu*** 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni. |

Or. en


Magħquda fid-diversità

7.12.2023 A9-0368/96

**Emenda 96**
**Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0368/2023**
**Maria-Manuel Leitão-Marques**
Il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 39 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri b'osservanza tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni. | 2. Il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri b'osservanza tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu ***3 tagħha dwar id-dritt għall-integrità tal-persuna u l-Artikolu*** 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni. |

Or. en


Magħquda fid-diversità

7.12.2023 A9-0368/97

**Emenda 97**
**Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0368/2023**
**Maria-Manuel Leitão-Marques**
Il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 41a*** |
| | ***Nonapplikazzjoni*** |
| | ***1. L-Istati Membri li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ikollhom fis-seħħ leġiżlazzjoni li tiżgura r-rispett sħiħ għad-drittijiet tat-tfal u r-rikonoxximent tal-filjazzjoni, favur wild imwieled barra mill-pajjiż f'każijiet partikolari, b'mezzi oħra għajr ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji jew ta' strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti, jistgħu ma japplikawx ir-regoli stabbiliti f'dan il-Kapitolu.*** |
| | ***2. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u turi kif id-dritt nazzjonali rilevanti jipprevedi salvagwardji alternattivi u ekwivalenti biex jiżgura l-konformità mal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u l-protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, b'mod partikolari meta r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur ma jkunx possibbli għal raġunijiet ta' inkompatibbiltà mal-ordni pubbliku.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

7.12.2023 A9-0368/98

**Emenda 98**
**Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0368/2023**
**Maria-Manuel Leitão-Marques**
Il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. L-ordni pubbliku ***imsemmi*** fil-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri b'osservanza tad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali stabbiliti fil-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni. | 2. L-ordni pubbliku ***msemmi*** fil-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri b'osservanza tad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali stabbiliti fil-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu ***3 tagħha dwar id-dritt għall-integrità tal-persuna u l-Artikolu*** 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni. |

Or. en


Magħquda fid-diversità

7.12.2023 A9-0368/99

**Emenda 99**
**Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0368/2023**
**Maria-Manuel Leitão-Marques**
Il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu VI – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| VI ***ĊERTIFIKAT EWROPEW TAL-ISTAT TA' ĠENITUR*** | VI ***imħassar*** |
| | *(Din l-emenda hija maħsuba biex tħassar il-Kapitolu VI fl-intier tiegħu. Il-ħsieb huwa li jitħassru r-referenzi kollha għaċ-"Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur" fit-test kollu kemm hu.)* |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan it-tħassir huwa maħsub bħala tħassir tal-Kapitolu VI kollu kemm hu, jiġifieri l-Artikoli 46, 47, 48, 49, 50, 51, 52, 53, 54, 55, 56 u 57. Il-ħsieb huwa li jitħassru r-referenzi kollha għaċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur fit-test kollu.*

**Emenda 100**
**Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0368/2023**
**Maria-Manuel Leitão-Marques**
Il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 55a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 55a*** |
| | ***Raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur*** |
| | ***1. Ir-rikonoxximent taċ-Ċertifikat għandu jiġi rrifjutat:*** |
| | ***(a) jekk tali rikonoxximent ikun manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih ir-rikonoxximent ikun invokat, wara li jiġu kkunsidrati l-interessi tal-wild;*** |
| | ***(b) fuq rikors minn kwalunkwe persuna li tistqarr li ċ-Ċertifikat jikser il-paternità jew il-maternità tagħha fuq il-wild, jekk ikun tfassal jew ġie rreġistrat formalment mingħajr ma dik il-persuna tkun ġiet involuta;*** |
| | ***(c) jekk u sal-punt li ma jkunx jista' jiġi rrikonċiljat ma' deċiżjoni sussegwenti tal-qorti relatata mal-istat ta' ġenitur mogħtija, jew ma' strument awtentiku sussegwenti li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti mfassal jew irreġistrat, fl-Istat Membru li fih jiġi invokat ir-rikonoxximent.*** |
| | ***2. L-Artikolu 41a għandu japplika mutatis mutandis.*** |

Or. en

7.12.2023 A9-0368/101

**Emenda 101**
**Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0368/2023**
**Maria-Manuel Leitão-Marques**
Il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

**Proposta għal regolament**
**Anness IV**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

7.12.2023 A9-0368/102

**Emenda 102**
**Alessandra Basso, Gilles Lebreton, Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud**
f'isem il-Grupp ID

**Rapport** **A9-0368/2023**
**Maria-Manuel Leitão-Marques**
Il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

**Proposta għal regolament**
**Anness V**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità